Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru 145/2014/1

**Elizabeth Psaila u Michael Psaila**

**Vs**

**Awtorita ghat-Trasport f'Malta**

Il-Gimgha, 10 ta' Gunju 2016.

L-atturi appellaw mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta' Dicembru 2014 li laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta li m'hijiex il-legittimu kontradittur. Permezz ta' rikors prezentat fil-25 ta' April 2014, l-atturi talbu li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' €5,468.89 danni li sofriet b'rizultat ta' incident tat-traffiku li sehh fl-14 ta' Lulju 2013 meta waqt li l-attur kien qieghed isuq il-vettura Toyota Spacio Corolla bin-numru ELM-701 f'Ta' Qali, H'Attard, dahal f'gandott tal-ilma li kien miftuh u ma kellu l-ebda protezzjoni jew sinjal dwar il-periklu fit-triq.

Fis-sentenza l-ewwel qorti osservat li mill-Artikolu 33 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 366) kien jidher car li l-Gvern hu responsabbli sabiex jiehu hsieb it-toroq li huma arterji u distributorji kif stabbilit bil-Pjan ta' Struttura. Kompliet tghid:

*"F'dan il-kaz pero l-Awtorita fl-ebda hin ma assumiet xi responsabbilta ghat-triq fejn sehh l-incident anzi insistiet li tali triq taqa' taht ir-responsabbilta diretta tal-Gvern Centrali. Temmen li l-Awtorita` tidhol biss una volta tigi mitluba sabiex taghmel xi xoghol ta' manutenzjoni mill-works division li jaqghu taht il-Ministeru tar-Rizorsi u Infrastruttura u dan fil-kapacita taghha bhala agenzija tal-Gvern u ghalhekk l-ewwel responsabbilta hija tal-Gvern Centrali. Jigi rilevat ukoll li l-Perit David Vassallo ghan-nom ta' Transport Malta stqarr li din it-triq hija eskluza mir-rotta fejn iduru l-field officers taghhom u dan peress li mhix arterjali u distributorja.*

*Il-Qorti ezaminat il-pjanta esebita minn Nicholas Baldacchino u mmarkata bhala Dok. X, liema pjanta fl-ebda hin ma giet kontestata mill-atturi u minn ezami tal-istess hemm indikat fejn huma it-toroq arterjali u distributorji. L-istess xhud indika fuq il-pjanta t-triq fejn sehhet l-allegat incident liema markar ukoll ma giex kontestat u wkoll jidher car li din mhix wahda minn dawk it-toroq li ghalhekk taqa' taht ir-responsabbilta diretta tal-Awtorita."*

L-aggravju tal-atturi hu dwar il-principji ta' dritt li japplikaw fil-kaz in ezami. L-atturi jsostnu li l-konvenuta hi l-legittimu kontradittur peress li l-manutenzjoni tat-toroq hi responsabbilta taghha (Artikolu 7 tal-Att dwar l-Awtorita ghat-Trasport f'Malta, Kap. 499).

Il-konvenuta ssostni li gialadarba t-triq fejn sehh l-incident m'hijiex arterja jew distributorja, m'hijiex responsabbli ghat-triq fejn sehh l-incident meritu tal-kawza.

Wara li l-qorti semghet it-trattazzjoni u rat l-atti, tosserva:

1. L-incident oggett tal-kawza sehh fi triq li m'hijiex arterja jew distributorja.

2. L-Artikolu 7 tal-Att dwar l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta (Kap. 499) jipprovdi li l-Awtorita ghandha, fost'ohrajn, is-setgha:

   *"(b) li tokkupa, tippjana, tiddisinja, tibni, tibni mill-gdid, tamministra, taghmel manutenzjoni, issewwi u tirrestawra toroq u li tipprovdi jew tizgura jew tmexxi 'l quddiem provvediment ghal dan kollu u wkoll li tipprovdi jew tizgura provvediment ta' servizzi ghal dawk l-ghanijiet u timmanigga u tikkontrolla kull xoghol mehtieg, ……"*

   *Izda meta l-manutenzjoni ta' xi triq tkun taqa' taht ir-responsabbilta' ta' Kunsill Lokali skond l-Att dwar Kunsilli Lokali, il-manutenzjoni ta' dik it-triq ma ghandhiex tkun, fil-qies ta' dik ir-responsabbilta, il-funzjoni tal-Awtorita' sakemm ma jkunx intlahaq ftehim dwar dak bejn il-Kunsill Lokali u l-Awtorita'."*

   L-ewwel qorti ghamlet ukoll riferenza ghall-Artikolu 33 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) li jipprovdi:

   *"33(1) Bla hsara ghas-subartikolu (2) u ghad-disposizzjonijiet ta' kull ligi ohra li tkun issehh fiz-zmien, il-funzjonijiet ta' kull Kunsill Lokali jkunu:*

   *omissis*

   *(2) Toroq arterji u distributorji stabbiliti bil-Pjan ta' Struttura, monumenti nazzjonali, parks jew zona nazzjonali, estates industrijali, portijiet, ajruporti u territorji ohra nazzjonali, stabbilimenti, bini u oggetti ohra mnizzla fir-Raba' Skeda li tinsab ma' dan l-Att huma repsonsabbilta' tal-Gvern u, hlief kif provdut skond is-subartikolu (1)(w) jew (x), huma ghal kollox eskluzi mill-kompetenza ta' Kunsilli Lokali."*

3. Xhieda prodotti mill-konvenuta qalu:

   - *"Ahna m'ahniex awtorita tat-toroq izda Awtorita tat-Trasport u ahna niehdu hsieb biss dawk li huma arterji u distributorji"* (Nicholas Baldacchino, fol. 25).
   - *"Nixtieq nghid illi ahna bhala Transport Malta bhala procedura niehdu hsieb it-toroq arterjali u distributorji. Misotqsi mill-Qorti x'inhi Ta' Qali ring road nghid li din hija area li hija eskluza mir-responsabbilta' tal-Kunsill Lokali. Hija responsabbilta tal-Gvern Centrali izda mhux direttament ta' Transport Malta."*(Perit David Vassallo, fol. 45). Zied ighid: *"Fil-fatt din it-triq la hija distributorja u lanqas hija triq arterjali. Nixtieq nghid il-parti l-kbira ta' interventi inkluz dan il-kaz fl-area ta' Ta' Qali nghid illi t-talbiet isiru mill-Works Division li jaqghu taht il-Ministeru tar-Rizorsi u*

*Infrastruttura u dan peress li hemm bini ta' certu mportanza….. Tali triq taqa' suppost taht ir-responsabbilta diretta tal-Gvern Centrali."*

4. Fil-fehma tal-qorti f'dan il-kaz m'huwiex rilevanti li ssir xi distinzjoni bejn triq arterja jew distributorja. Hemm qbil li f'dan il-kaz il-Kunsill Lokali ta' H'Attard hu eskluz mir-responsabbilta ghat-triq fejn sehh l-incident. L-Artikolu 7 tal-Kap. 499 ma jillimitax ir-responsabbilta tal-konvenuta ghal manutenzjoni, ghal toroq arterji jew distributorji biss. Din hi l-ligi li tirregola lill-konvenuta. L-istess disposizzjoni taghmilha cara li r-responsabbilta tal-konvenuta hi eskluza fejn l-Att dwar il-Kunsill Lokali (Kap. 366) jipprovdi li r-responsabbilta` hi tal-Kunsill Lokali. Pero' fil-kaz tal-lum il-konvenuta taccetta li l-Kunsill Lokali ta' H'Attard m'huwiex responsabbli ghat-triq fejn sehh l-incident. Ghaldqstant, jekk hemm responsabbilta`din hi tal-konvenuta u ghalhekk hi legittimu kontradittur. Ghalkemm il-konvenuta ssostni li r-responsabbilta hi tal-Gvern Centrali, il-qorti tosserva:

- L-Artikolu 7 tal-Kap. 499 ma jipprovdix li l-Awtorita' hi responsabbli biss ghal toroq arterji u distributorji.
- L-Awtorita hi entita pubblika li twaqqfet mill-Gvern u fir-realta hi tal-Gvern. Tant hu hekk li l-membri tal-Awtorita jinhatru mill-Ministru responsabbli ghat-Trasport (Artikolu 5 tal-Kap. 499).
- Fil-Kap. 499 m'hemmx disposizzjoni li tipprovdi liema toroq huma responsabbilta tal-konvenuta u dawk responsabbilta tal-Gvern. Dan jaghmel sens gialadarba twaqqfet mill-Gvern, hi tal-Gvern u twaqqfet biex taqdi funzjoni pubblika.
- F'Dicembru 2012 jirrizulta li l-konvenuta kienet inkarigat kuntrattur sabiex jaghmel xogholijiet fit-triq fejn sehh l-incident in kwistjoni. Vincent Borg xehed li x-xoghol kien jikkonsisti *"…. Billi ahna nnadfu culvert li kien jinsab fil-genb tat-triq li kien ilu hemm zmien, snin twal, fejn kien hemm miksur irrangajnieh, ghamilna re-instatement tat-triq, two layers asphalt u dan ix-xoghol sar fix-xahar ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnax."* (fol. 38). Dwar dan ix-xoghol, ix-xhud Michael Psaila xehed li l-kuntrattur kien inghata direct order minghand il-konvenut u qabel l-elezzjoni tas-sena 2013 kien twaqqaf milli jkompli bix-xoghol. Zied li l-Ministru tat-Trasport *"… kien fil-fatt qabbadni nkellem lil Kevin Zahra ta' Transport Malta li naf li huwa tkellem mal-perit David Vassallo u qal illi dik it-triq hija ring road u ghandha x'taqsam maghha Transport Malta."* (fol. 43). Mehud in konsiderazzjoni ta' dawn il-provi, il-qorti tkompli ssahhah il-fehma li l-konvenuta hi legittimu kontradittur.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell, thassar is-sentenza tal-ewwel qorti tat-3 ta' Dicembru 2014 u tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta. Spejjez taz-zewg istanzi a karigu tal-konvenuta.**

**Tordna li l-atti jintbaghatu lura quddiem l-ewwel qorti sabiex tissokta bis-smiegh tal-kawza**.

Anthony Ellul.